MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2010

Appell Civili Numru. 199/2005/1

**John Patrick u Mary Carmen mizzewgin Hayman, Christopher Hayman u Raymond Pickard f'ismu proprju u bhala legittimu rapprezentant ta' bintu minuri Elaine**

**v.**

**Fal-Con Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fil-25 ta' Frar 2005 li taqra hekk:

“Billi l-atturi huma l-eredi *ab intestato* tan-Nutar Dottor John Patrick Hayman, li miet fit-23 ta’ April 2001 skond ma jirrizulta mill-annessi dokumenti “JPH1”, “JPH2” u “JPH3”.

“U billi s-socjeta` konvenuta kienet harget cekk tal-Bank of Valletta plc numru 4987 datat 5 ta’ Lulju 2000 favur il-mibki mejjet Nutar John Hayman fis-somma ta’ sebat elef Liri Maltin (Lm7,000), liema cekk ma giex onorat mill-istess Bank meta gie depozitat peress li l-validita` tal-istess cekk kienet skadiet.
“U billi s-socjeta` konvenuta giet interpellata mill-atturi biex thallashom din is-somma ta’ sebat elef liri Maltin (Lm7,000) izda baqghet inadempjenti.

“Tghid ghalhekk is-socjeta` konvenuta ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

“1. Tikkundannaha thallas lill-atturi s-somma ta’ sebat elef liri Maltin (Lm7,000) dovuta kif hawn fuq spjegat.

“Bl-imghaxijiet legali mill-14 ta’ Gunju 2004 u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tas-26 ta’ Frar 2004 u tal-ittra ufficjali tal-14 ta’ Gunju 2004 kontra s-socjeta` konvenuta li hi ngunta ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta (fol. 15) li in forza taghha eccepew illi:

“Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi ghas-segwenti ragunijiet:-

“1. Illi l-atturi m’ghandhomx interess guridiku fl-azzjoni odjerna kif intavolata minnhom *stante* li c-cekk BOV numru 4987 fl-ammont ta’ Lm7,000 (li jifforma l-mertu tal-kawza odjerna) huwa cekk li kien intenzjonat bhala depozitu maghmul mis-socjeta` eccipjenti akkont ta’ prezz ghax-xiri ta’ fond, liema ammont ta’ Lm7,000 ghalhekk huwa *se mai* dovut lill-venditur tal-istess fond u

mhux lill-atturi u, kwindi, is-socjeta` eccipjenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju – Dok. “A”.

“2. Illi subordinarjament u minghajr pregudizzju lis-su-eccepit, bi ftehim milhuq bejn is-socjeta` eccipjenti u l-venditur imsemmija, is-somma msemmija ta’ Lm7,000 rapprezentata fl-imsemmi cekk 4978 ma baqghetx dovuta lill-vendituri u kwindi *multo magis* lanqas m’hija dovuta lill-atturi u dan kif sejjer jigi ppruvat fil-mori tal-kawza – Dok “D”.

“3. Illi f’kwalunkwe kaz, is-socjeta` eccipjenti m’ghandha taghti xejn lill-atturi jew lill-awtur taghhom.

“4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi fil-ligi.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta’ Gunju 2007 li in forza taghha laqghet it-talba attrici u kkundannat lis-socjeta` konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta’ Lm7,000, bl-imghaxijiet legali mill-14 ta’ Gunju 2004 u bl-ispejjez komprizi tal-ittra legali tas-26 ta’ Frar 2004 u tal-ittra ufficjali tal-14 ta’ Gunju 2004 kontra s-socjeta` konvenuta;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Illi din hija kawza maghmula mill-eredi tan-Nutar John Patrick Hayman fejn qed jitolbu li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallashom l-ammont ta’ Lm7,000 import ta’ cekk li s-socjeta` konvenuta kienet harget favur l-istess Nutar John Hayman liema cekk meta gie prezentat il-Bank ma thallasx u dan peress li gie pprezentat tardivament.

“Illi fil-fatt jirrizulta li fil-5 ta’ Lulju 2000 kien inhareg cekk numru 4987 tal-Bank of Valletta mis-socjeta` konvenuta fl-ammont ta’ Lm7,000 favur in-Nutar J. P. Hayman (Dok. “B” – fol. 24) liema cekk (Dok. “JPH”) ineffetti baqa’ ma ssarrafx meta gie pprezentat il-Bank fid-29 ta’ Jannar 2001 u dan ghaliex kien gie pprezentat iktar minn sitt (6) xhur mid-data li fih inhareg (Dok. “JPH”). Peress li l-mibki Nutar John Patrick Hayman kien miet fit-23 ta’ April 2001

kienu l-eredi tal-istess li ghamlu din il-kawza, sabiex is-socjeta` konvenuta tonora l-hlas ta’ tali cekk.

“Illi s-socjeta` konvenuta sostniet li l-atturi ma ghandhom l-ebda interess fil-kawza peress li l-istess ammont kien hareg biss bhala pagament akkont tal-prezz *in vista* ta’ konvenju tal-istess data bejn is-socjeta` konvenuta u s-socjeta` Alfano Company Limited ghall-akkwist tal-fond indikat fl-istess konvenju (Dok. “A” – fol. 22).

“Illi fil-fatt irreferiet ghall-istess konvenju datat 5 ta’ Lulju 2000 fejn hemm miktub f’paragrafu (1) tal-istess li tali prospett ta’ bejgh tal-fond hemm indikat kellu jsir:-

*““1) Verso l-prezz ta’ sebghin elf Lira Maltin (Lm70,000) li jithallsu kwantu ghal sebat elef Lira Maltin illum bhala depozitu akkont tal-prezz li jinzammu ghand in-Nutar sakemm isiru r-ricerki relattivi u t-titolu jinsab sodisfacenti;...”.*

“Illi l-kuntratt tal-istess fond sar mill-istess Nutar John Patrick Hayman fl-4 ta’ Settembru 2000 fejn is-socjeta` Alfano Company Limited effettivament trasferiet il-fond hemm indikat (u dak deskritt fil-konvenju datat 5 ta’ Lulju 2000) lis-socjeta` konvenuta u dan sar *verso* l-prezz ta’ Lm69,550, fejn inghad li minnhom is-somma ta’ Lm11,868.50 thallset mis-socjeta` konvenuta qabel id-data tal-kuntratt u s-socjeta` venditrici ddikjarat li halliet ricevuta tal-istess ammont, tant li gie ndikat li l-bilanc ta’ Lm15,681.50 kellu jithallas fi zmien sena mid-data tal-kuntratt, u s-somma ta’ Lm21,000 fi zmien sentejn, u l-ahhar somma ta’ Lm21,000 fi zmien tliet snin minghajr interessi u dan kollox kif jidher mill-istess kuntratt esebiet bhala Dok. “C”.

“Illi fil-11 ta’ April 2001 kien sar kuntratt ghand in-Nutar Mary Grech Pace datat appuntu 11 ta’ April 2001, li kien verament att ta’ korrezzjoni tant li nghad li b’riferenza ghall-kuntratt ippubblikat min-Nutar John Patrick Hayman datat 4 ta’ Settembru 2000, li s-somma ta’ Lm4,868.50 kienet thallset permezz ta’ *cheque* tas-socjeta` konvenuta tal-Bank of Valletta plc numru 005110, filwaqt li l-ammont

ta’ Lm7,000 kien thallas permezz ta’ cekk numru 4987 li nzamm ghand in-Nutar John Hayman u dan sabiex *“il-vendituri jnehhu l-affarijiet taghhom u jirrendu l-lok vojt u jikkonsenjaw ic-cwievet lill-kompraturi”.*

“Illi pero` fl-istess kuntratt jinghad li *“l-partijiet jaqblu li l-kondizzjoni numru wiehed (1) tal-att hawn fuq imsemmi li tirrigwarda il-pagamenti tinbidel u ssir kif gej:-“1) Is-somma ta’ sebat elef Liri Maltin (Lm7,000) li qeghdin fil-pussess tan-Nutar John Patrick Hayman jigu mhallsin lil Alfano Company Limited direttament minn Fal-Con Limited wara li tkun inqatghet is-somma ta’ hames mija u hamsin Lira maltija (LM550) verso xoghlijiet necessarji fil-kontro-bejt tal-imsemmija proprjeta` u l-bilanc ta’ sitt elef erba’ mija u hamsin Lira Maltija (LM6,450) jithallas sal-ghoxrin (20) ta’ Dicembru tas-sena elfejn u wiehed”* u li s-somma ta’ Lm15,681.50 tithallas sal-20 ta’ Dicembru 2002, is-somma ta’ Lm21,000 sal-20 ta’ Dicembru 2003, u dik ta’ Lm21,000 sal-20 ta’ Dicembru 2004 u mill-bqija kkonfermaw il-kundizzjonijiet tal-kuntratt datat 4 ta’ Settembru 2000 hlief ghall-fatt li ddikjaraw li c-cwievet tal-proprjeta` inghata lill-kompraturi dakinhar.

“Illi fit-2 ta’ Ottubru 2002 is-socjeta` Alfano Company Limited *tramite* r-rappresentant taghha Joseph Carmelo Schembri ddikjarat li qed tircievi l-ammont ta’ Lm6,450 permezz ta’ cekk numru 7074 BOV minghand is-socjeta` konvenuta u dan skond il-kuntratt tan-Nutar John Hayman datat 4 ta’ Settembru 2000 u l-ftehim ssussegwentement ippublikat minn Nutara Mary Grech Pace tal-11 ta’ April 2001, u ddikjarat li rceviet is-somma ta’ Lm4,000 permezz ta’ cekk numru 7075 u b’hekk il-bilanc gie ridott ghal Lm47,000 u li dan kellu jithallas sal-15 ta’ Ottubru 2002 meta jsir il-kancellament tal-ipoteka msemmija fl-istess atti. Illi fl-istess waqt jinghad li c-cekk fl-ammont ta’ Lm6,450 mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` Alfano Co. Ltd huwa datat 20 ta’ Dicembru 2001 u ghandu n-numru 6375 mhux 7470 u dan kif jirrizulta a fol. 33 tal-process.

“Illi b’kuntratt fl-atti tan-Nutar Claire Falzon datat 28 ta’ Ottubru 2002 is-socjeta` Alfano Company Limited tat il-kunsens taghha ghall-kancellament tal-ipoteki iskritti

konsegwenza tal-kuntratt datat 4 ta’ Settembru 2000 kif emendat bil-kuntratt tal-11 ta’ April 2001 u dan ghaliex l-istess socjeta` venditrici ddikjarat ruhha pjenament sodisfatta.

“Illi t-tezi tal-atturi hija fis-sens li l-ammont li kien intestat favur in-Nutar John Hayman permezz ta’ cekk numru 4987 tal-Bank of Valletta mahrug mis-socjeta` konvenuta u datat 5 ta’ Lulju 2000, li veru kien intenzjonat bhala pagament akkont tal-prezz ghall-akkwist ta’ immobbli ndikata mis-socjeta` konvenuta minghand is-socjeta` Alfano Limited, fil-fatt kien thallas mill-istess Nutar fuq il-kuntratt li kien sar bejn il-komparenti ndikati fl-4 ta’ Settembru 2000 tant li fl-istess kuntratt jinghad li tali somma ta’ Lm11,868. 50 kienet thallset qabel id-data tal-kuntratt u fil-fatt kien hemm dikjarazzjoni ovvja u cara dwar l-istess fejn inghad li:-

*““liema somma l-venditur nomine jiddikjara li rcieva u jhalli ricevuta relattiva”.*

“Illi b’hekk l-ammont huwa llum dovut lin-Nutar John Patrick Hayman, u wara l-mewt tieghu lill-eredi tieghu, peress li tali cekk effettivament ma giex onorat mis-socjeta` konvenuta; jinghad ukoll mill-istess atturi li l-kuntratti kollha li saru wara sabiex jemendaw din id-dikjarazzjoni kienet biss *messa in scena* u ntenzjonata sabiex ma jithallasx l-ammont dovut mis-socjeta` konvenuta lin-Nutar Hayman u b’hekk it-talba attrici ghanda tigi milqugha.

“Illi min-naha l-ohra l-verzjoni tas-socjeta` konvenuta hija li ghalkemm veru li kien hareg dan ic-cekk fuq in-Nutar John Hayman fid-data tal-konvenju ndikata, dan ic-cekk qatt ma kien intenzjonat lilu izda kien akkont tal-prezz ghall-immobbli li kienet qed tinxtara minghand is-socjeta` komptratrici, cekk li effettivament qatt ma gie msarraf peress li wara s-socjeta` konvenuta kienet hallset l-istess ammont (bi tnaqqis ta’ Lm550) direttament lis-socjeta` venditrici u dan kif skond ma jidher mill-kuntratt datat 11 ta’ April 2001 fl-atti tan-Nutar Mary Grech Pace, u l-iskrittura datata 2 ta’ Ottubru 2002 fejn jinghad li l-ammont

ta’ Lm6,450 kellu jithallas permezz ta’ cekk numru 7074 datat 20 ta’ Dicembru 2001 (fol. 33). Effettivament pero` jirrizulta li dan ic-cekk lanqas kien dak li thallas mis-socjeta` konvenuta kompratrici lis-socjeta` venditrici Alfano Company Limited u dan ghaliex jirrizulta li l-ammont ta’ Lm6,450 effettivament thallas permezz ta’ cekk iehor numru 7074 datat 2 ta’ Ottubru 2002 u li jinsab esebit bhala “Dok. “JAF 1” a fol. 100 tal-process; l-unika spjegazzjoni ghal dan kienet dik moghtija minn Joseph Falzon fix-xhieda tieghu tas-7 ta’ Dicembru 2006, fis-sens li kien hareg dan ic-cekk ghaliex ic-cekk li kien hareg lis-socjeta` Alfano Company Limited datat 20 ta’ Dicembru 2001 Numru 6375 (Dok. “RA” – fol. 103) ma ssarrafx ghaliex kien skada.

“Illi mela allura jidher li parti mill-ewwel pagamant ta’ Lm11,868.50, imsemmi fil-kuntratt tan-Nutar John Hayman datat 4 ta’ Settembru 2000, u dan fl-ammont originali ta’ Lm7,000 ghal xi raguni jew ohra qed jinghad mis-socjeta` konvenuta li ma thallasx dakinhar, ghalkemm kien ilu rilaxxat mill-5 ta’ Lulju 2000, izda wara gie mibdul ghall-ammont ta’ Lm6,450 (cekk numru 6375) u datat 20 ta’ Dicembru 2001, u dan fid-data ta’ skrittura datata 2 ta’ Ottubru 2001 li Josepoh Carmelo Schembri ddikjara li qed jircievi, cekk (fol. 33) li gie anness mal-iskrittura datata 2 ta’ Ottubru 2002 (fol. 32 tal-process) u esebit mal-lista ta’ dokumenti esebiti mis-socjeta` konvenuta ffirmata mill-Avukat Dr. Jotham Scerri-Diacono (fol. 21) flimkien man-nota ta’ eccezzjonijiet u dikjarazzjoni tal-fatti tas-socjeta` konvenuta mahlufa minn Joseph Falzon rapprezentant tal-istess. Fil-verita` l-iskrittura relattiva (ircevuta) giet indikata bhala Dok. “E” (fol. 32) u c-cekk jinsab esebit fil-pagna ta’ wara a fol. 33 tal-process.

“Illi pero` jidher li waqt ix-xhieda ta’ Joseph Falzon irrizulta li ghal xi raguni dan ic-cekk ukoll ma kienx issarraf u fil-fatt dak li kien issarraf kien ic-cekk datat 2 ta’ Ottubru 2002 Numru 7074 li jinsab esebit bhala Dok. “JAF 1” a fol. 100 tal-process u li huwa datat proprju 2 ta’ Ottubru 2002 – data tal-iskrittura ffirmata mill-imsemmi Joseph Carmelo Schembri (fol. 22) li rreferiet proprju ghall-istes cekk numru 7074 minghajr ma ssemmi d-data tal-istess.

"Illi fil-fatt jidher li dan ic-cekk numru 6375 datat 20 ta' Dicembru 2001 mis-socjeta` konvenuta favur s-socjeta` Alfano Co. Ltd, cekk li f'din il-kawza gie esebit mis-socjeta` konvenuta stess, jidher li jikkombacja bhala data ma' dik imsemmija fl-att korrettorju maghmul min-Nutar Mary Grech Pace datat 11 ta' April 2001 fejn jinghad li l-ammont ta' Lm6,450 kellu jithallas sal-20 ta' Dicembru 2001, u ghalkemm hadd mis-socjeta` venditrici u s-socjeta` kompratrici ma jghid xejn dwar dan, jidher li dan ic-cekk hareg dakinhar ghall-iskop hemm indikat – ghalkemm xorta wahda ma ssarrafx.

"Illi dan kollu jrendi l-verzjoni tas-socjeta` konvenuta suspettuza u dan iktar u iktar meta fil-kuntratt tal-4 ta' Settembru 2000 ma hemm l-ebda dubju ta' xejn li s-socjeta` venditrici rapprezentata minn Joseph Carmelo Schembri ddikjarat li kienet irceviet l-ammont ta' Lm11,868.50 tant li halliet ricevuta relattiva u hemm ma saret l-ebda riferenza ghal xi cekk, u dan ghaliex l-istess somma jinghad li kienet thallset qabel dakinhar; fil-fatt ma hemm ebda dubju li parti mill-istess somma kienet dik ta' Lm4,868.50 li ma hemm l-ebda dubju li thalset mis-socjeta` konvenuta u giet utilizzata sabiex thallset il-*Capital Gains Tax* dovuta mis-socjeta` venditrici u dan ikkompli jikkonferma li l-ammonti verament kienu thallsu qabel (Lm7,000 + Lm4,868.50 = Lm11,868.50).

"Illi f'din l-operazzjoni hemm diversi affarijiet li l-istess socjeta` konvenuta u x-xhieda minnha prodotta tonqos li tispjega fosthom kif saret dikjarazzjoni cara daqshekk fil-kuntratt tal-4 ta' Settembru 2000 li l-ammont ta' Lm11,868.50 gie ricevut minn qabel mis-socjeta` venditrici tant li halliet ricevuta tal-istess permezz ta' kuntratt pubbliku msemmi u bl-ebda mod ma ssemma' c-cekk favur in-Nutar John Hayman li kien ghadu veljanti u skond is-socjetajiet involuti effettivament ma kien sar ebda pagament tal-ammont hemm imsemmi, hlief allura tal-ammont ta' Lm4,868.50. Fil-fatt dan l-ahhar ammont jidher li thallas permezz ta' cekk numru 005110 msemmi fil-kuntratt tal-11 ta' April 2001, li ovvjament kien thallas

qabel ghaliex bih thallas l-ammont ta’ *Capital Gains Tax* indikat fil-kuntratt tal-4 ta’ Settembru 2000.

“Illi hemm nuqqas ta’ spjegazzjoni kif kien biss fid-data tal-11 ta’ April 2001 u ghalhekk seba’ (7) xhur wara tali dikjarazzjoni ta’ pagament u rilaxx ta’ ricevuta li jsir att korretorju ghand Nutar differenti u hawn jissemma ghall-ewwel darba li l-ammont indikat fic-cekk li nhareg favur l-istess Nutar John Hayman fil-5 ta’ Lulju 2000, fil-fatt qatt ma kien ghadda ghand is-socjeta` venditrici minkejja dikjarazzjoni u ricevuta mahruga f’kuntratt pubbliku tal-4 ta’ Settembru 2000.

“Illi mhux hekk biss izda fuq kollox huwa neboluz li fl-istess kuntratt tal-11 ta’ April 2001 jinghad li l-ammont ta’ Lm7,000 kellu jinzamm minn Nutar John Hayman *“sakemm il-vendituri jnnehhu l-affarijiet taghhom u jirrendu il-lok vojt u jikkonsenjaw ic-cwievet lill-kompraturi”*, kondizzjoni li certament ma tirrizultax mill-kuntratt tal-4 ta’ Settembru 2000, anzi hija kontrarja ghad-dikjarazzjoni li kien hemm fil-konvenju tal-5 ta’ Lulju 2000, fejn l-istess Nutar John Hayman kellu jzomm l-istess ammont ta’ Lm7,000 biss sakemm isiru r-ricerki relattivi u t-titolu jinsab sodisfaccentement – certament li hawn hemm dikjarazzjonijiet f’dak li huwa l-att korrettorju li ma jinkwadrawx ruhhom sew ma’ l-atti kollha precedenti.

“Illi jinghad ukoll li fl-iskrittura datata 2 ta’ Ottubru 2002 jinghad li Joseph Carmelo Schembri ghan-nom tas-socjeta` Alfano Company Limited kien qed jircievi s-somma ta’ Lm6,450 (cekk numru 7074) u s-somma ultejuri ta’ Lm4,000 (cekk numru 7075) u jinghad li l-bilanc b’hekk gie ridott ghall-Lm47,000. Pero` meta wiehed jikkonsidra li l-prezz kien ta’ Lm69,550, u skond l-atti kollha sussegwenti u ghall-kuntratt tal-4 ta’ Settembru 2000, kien thallsu biss lis-socjeta` venditrici dan l-ammont ta’ Lm4,868.50 (cekk 005110), l-ammont ta’ Lm6,450 hawn imsemmi, u l-ammont ulterjuri ta’ Lm4,000 (indikati l-ahhar pagamenti appuntu bl-iskrittura tat-2 ta’ Ottubru 2002), dan ifisser li sa dakinhar kienu thallas biss lis-socjeta` venditrici l-ammont ta’ Lm15,318.50 li jhallu ammont bilancjali ta’ Lm54,231.50 u mhux ta’ Lm47,000

kif indikat fl-iskrittura privata tat-2 ta’ Ottubru 2002. Din hija differenza ta’ Lm7,231.50 li s-socjeta` konvenuta mkien ma taghti spjegazzjoni dwarha.

“Illi dan huwa iktar sinifikattiv meta Joseph Falzon ghan-nom tas-socjeta` konvenuta spjega li ghalkemm kien hareg cekk favur is-socjeta` Alfano Company Limited ghall-ammont ta’ Lm6,450 datat 20 ta’ Dicembru 2001 (cekk nurmu 6375 – Dok. “RM”) dan kien ukoll ma ssarrafx ghaliex ghadda z-zmien. Hija wkoll sinifikanti ghall-kredibbilta` tal-istess socjeta` konvenuta, u dik tax-xhieda ta’ Joseph Falzon in partikolari, li jghid li dan ic-cekk kien ghand in-Nutar John Hayman u kien inghata lilu lura minghand l-istess Nutar mhux imsarraf (cekk la ma jidhirx kif wasal ghand l-istess Nutar *“in the first place”* – u lanqas huwa intestat fuq ismu izda direttament fuq is-socjeta` konvenuta) meta jidher li dwar ic-cekk mertu tal-kawza odjerna s-socjeta` konvenuta ma ghamlet l-ebda kuntatt mal-kompjant Nutar, izda saret dikjarazzjoni dwar dan ic-cekk ghand Nutar iehor biss fil-11 ta’ April 2001, ftit jiem qabel il-mewt tal-istess Nutar fit-23 ta’ April 2001.

“Illi mix-xhieda tas-socjeta` konvenuta lanqas jidher car kif thallas il-prezz indikat fil-kuntratt tal-4 ta’ Settembru 2000, peress li skond klawsola 1 tal-istess il-bilanc hemm indikat kellu jithallas kwantu ghal-Lm15,681.50 fiz-zmien sena mill-4 ta’ Settembru 2000, Lm21,000 fi zmien sentejn, u Lm21,000 fi zmien tliet snin mid-data tal-kuntratt cioe` sas-sena 2003.

“Illi fil-kuntratt korrettorju tal-11 ta’ April 2001 l-ammont ta’ Lm6,450 kellu jithallas sal-20 ta’ Dicembru 2001 (ammont li ma thallasx sa dakinhar – u dan ghaliex ic-cekk li kien ukoll ghand in-Nutar Hayman ghalkemm mhux f’ismu gie moghti lura lis-socjeta` konvenuta), kwantu ghal-Lm15,681.50 sal-20 ta’ Dicembru 2002, Lm21,000 sal-20 ta’ Dicembru 2003, u l-ahhar Lm21,000 sal-20 ta’ Dicembru 2004.

“Illi minn dan kollu ma sehh xejn ghaliex jidher li f’daqqa wahda saret dikjarazzjoni minn Joseph Carmelo Schembri datata 2 ta’ Otubbru 2002, li apparti dak li nghad dwar

pagamenti li saru fuq l-istess jinghad li l-ammont bilancjali rimanenti ta’ Lm47,000 kellu jithallas sal-15 ta’ Ottubru 2002 u dan ghar-ragunijiet li ma jirrizultawx mill-atti processwali, tant li fit-28 ta’ Ottubru 2002 quddiem in-Nutar Claire Falzon is-socjeta` Alfano Company Limited ikkancellat l-ipoteki kollha fuq il-fond mertu tal-kuntratt tal-4 ta’ Settembru 2000 peress li sa dakinhar kien thallas l-ammont kollu tal-prezz ghaliex inghad li l-kreditur jinsab pjenament sodisfatt.

“Illi minbarra dan kollu din il-Qorti taghmel riferenza ghall-affidavit ta’ Joseph Carmelo Schembri datat 16 ta’ Jannar 2006 (fol. 72) fejn l-istess xhud jirreferi ghall-kuntratt datat 4 ta’ Settembru 2000 u l-att korrettorju datat 1 ta’ April 2001, u jghid li *“skond il-ftehim datat 1 ta’ April 2001, sebat elef Lira Maltija (Lm7,000) mhallsa b’cheque numru 004987 mahrug minn Fal-Con Limited inzammu ghand in-Nutar John Patrick Hayman. Dejjem skond l-istess kuntratt, minn dan ic-cheque kellhom jitnaqqsu s-somma ta’ hames mija u hamsin Lira Maltija (Lm550)”.* Ikompli jghid li rcieva l-ammont ta’ Lm6,450 kif indikat skond il-kuntratt tal-11 ta’ April 2001 fit-2 ta’ Ottubru 2001, meta *in verita`* skond il-kuntratt tali ammont kellu jithallas sal-20 ta’ Dicembru 2001. Mhux hekk biss izda ma hemm ebda riferenza fl-istess affidavit ghaliex l-istess xhud kien iffirma kuntratt fl-4 ta’ Settembru 2000 fejn kien qal li kien gia` rcieva l-ammont ta’ Lm11,868.60 (ammont li kien jinkludi l-ammont ta’ Lm7,000) u halla ricevuta dwar l-istess, u wkoll ma semma xejn dwar ghaliex skond huwa s-Lm7,000 inzammu ghand in-Nutar Hayman (sabiex il-vendituri jnehhu l-affarijiet taghhom u jirrendu l-lok vojt). Ma jispjegax lanqas kif saru l-hlasijiet kollha lis-socjeta` venditrici u ghaliex l-kundizzjonijiet tal-pagament tbiddlu bil-mod li tbiddlu u kif saru l-istess pagamenti. Dawn huma kollha rilevanti sabiex din il-Qorti tezamina l-kredibbilta` tal-verzjoni tas-socjeta` konvenuta, li fic-cirkostanzi hawn spjegati ma jidhirx li hija wahda li din il-Qorti tista’ toqghod fuqha.

“Illi f’dan is-sens din il-Qorti thoss li l-ammont b’cekk li kien sar mis-socjeta` konvenuta fuq in-Nutar John Hayman intiz bhala depositu ghall-akkont tal-prezz u sabiex

jithallas lis-socjeta` venditrici mertu tal-kawza odjerna fil-fatt thallas mill-istess Nutar lis-socjeta` venditrici, tant li fid-data tal-kuntratt ta' trasferiment l-istess socjeta` venditrici kienet iddikjarat li rcievet qabel dik id-data l-ammont ta' Lm11,868.50, li kien jinkludi l-istess ammont ta' Lm7,000 import tal-istess cekk, li b'hekk kien hareg l-istess Nutar, u allura l-istesss ammont indikat fuq ic-cekk mertu tal-kawza odjerna kellu jigi mhallas lilu mis-socjeta` konvenuta, li pero` baqa' ma thallasx ghaliex ghadda z-zmien fuqu (ghalkemm in-notamenti tal-Bank juru li kien hemm "Re Tele Conv Rev of Dep" – fol. 43) u cioe` li wara xi konversazzjoni kien hemm dak li ssejjah bhala *"reversal of deposit").* Dan ifisser li l-ammont ghadu dovut mis-socjeta` konvenuta ghaliex huwa ammont li hija ghandha thallas lin-Nutar import tal-istess cekk, anke ghaliex l-ammont hemm indikat thallas minnu lis-socjeta` venditrici, u b'hekk l-istess socjeta` konvenuta hija obbligata li tonora l-obbligu taghha *verso* l-istess Nutar, u llum l-eredi tieghu. F'dan is-sens l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta qed tigi michuda peress li f'dan is-sens l-istess atturi ghandhom interess guridiku, peress l-import ta' tali cekk jappartjeni u huwa parti mill-assi ereditarji tal-istess Nutar. B'hekk il-kawzali tal-kawza odjerna mhux dak indikat fin-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, izda li dik indikata fic-citazzjoni attrici, bbazata fuq l-allegazzjoni u pretensjoni ppruvata li c-cekk mahrug favur in-Nutar ma giex onorat mis-socjeta` konvenuta.

"Illi kwantu ghall-istess eccezzjonijiet u l-eccezzjonijiet l-ohra din il-Qorti thoss li l-verzjoni tas-socjeta` konvenuta u r-rapprezentanti u x-xhieda minnha proposti ma hija xejn kredibbli, anzi jidher li s-socjeta` konvenuta holqot pjan sabiex tali ammont ma thallsux lill-istess Nutar u hawn il-Qorti tirreferi ghal dak li hawn gie ndikat u wkoll ghan-nota ta' osservazzjonijiet tal-istess atturi. Ovvjament biex sar dan bil-fors li kien hemm il-partecipazzjoni ta' nies ohra hawn indikati u din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti dan gie ppruvat mill-atturi.

"Illi f'dan il-kuntest jinghad li prova tal-pagament li sar min-Nutar Hayman lis-socjeta` venditrici hija d-dikjarazzjoni li saret b'kuntratt minnu ppublikat tal-4 ta' Settembru 2000

fejn s-socjeta` venditrici ddikjarat li kienet irceviet l-ammont indikat fl-ewwel paragrafu tal-istess (fol. 26), tant li jinghad li tali somma thallset qabel u dan kien jinkludi l-import ta' tali cekk mertu tal-kawza odjerna. Ovvjament wara dan saru atti proprju sabiex tali dikjarazzjoni pubblika u ricevuta moghtija tigi mhassra jew mibdula u b'hekk saru l-atti l-ohra li ndikati f'din il-kawza li kienu jirrikjedu l-participazzjoni ta' persuni ohra, anke din il-Qorti thoss fis-sens indikat mis-socjeta` konvenuta fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha li kienu frawdolenti fil-konfront tal-istess Nutar."

Rat li kontra din is-sentenza kien appella David Gauci fil-kwalita` tieghu ta' stralcjarju f'isem u ghan-nom tas-socjeta` Alfano Co. Ltd, pero`, dan l-appell tat-terz kien gie dikjarat dezert minn din il-Qorti b'digriet tal-4 ta' Mejju 2010;

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` konvenuta tat-18 ta' Lulju 2007 li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet lil din il-Qorti joghgobha:

"......thassar, tirrevoka u tannulla l-istess sentenza u dan billi tichad it-talbiet attrici u takkolji l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati."

Rat ir-risposta tal-atturi (fol. 19 tal-atti tal-appell) li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu lil din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellanti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fid-diversi udjenzi;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-atturi qed jitolbu r-rifusjoni tas-somma ta' Lm7,000 li, skond huma, l-aventi kawza taghhom, il-mejjet Nutar Dottor John Patrick Hayman, kien hallas minn butu, a vantagg tas-socjeta` konvenuta, lis-socjeta` Alfano Co.

Ltd. Il-fatti, fil-qosor, kienu dawn: Is-socjeta` konvenuta riedet tixtri minghand is-socjeta` Alfano Co. Ltd *garage* fi Triq Angelo Melilli, Zebbug u l-konvenju relattiv gie ffirmat fil-5 ta' Lulju 2000, quddiem l-imsemmi Nutar Hayman. Il-prezz pattwit kien ta' Lm70,000 u fuq il-konvenju s-socjeta` konvenuta harget *cheque* (nru. 4987) ghal Lm7,000 biex iservi bhala depozitu akkont tal-prezz; ic-*cheque* nhareg fuq isem in-Nutar Hayman u kellu jinzamm minnu sal-kuntratt relattiv. Il-kuntratt gie ppublikat min-Nutar Hayman fl-4 ta' Settembru 2000 u fuq dan il-kuntratt is-socjeta` venditrici Alfano Co. Ltd iddikjarat li rceviet is-somma ta' Lm11,868.50 akkont tal-prezz u halliet ircevuta relattiva; gie spjegat li din is-somma kienet maghmula mis-Lm7,000 li kien hemm depozitu u Lm4,868.50 b'*cheque* li s-socjeta` venditrici riedet biex thallas il-*capital gains tax.* Il-bilanc tal-prezz kellu jithallas sa zmien tliet snin mid-data tal-kuntratt.

Wara l-mewt tan-Nutar Hayman, l-atturi, l-eredi tieghu sabu fost il-karti, ic-*cheque* numru 4987 ghal Lm7,000 li kien inghata lin-Nutar mal-konvenu tal-5 ta' Lulju 2000.

L-atturi jsostnu li la darba s-socjeta` venditrici, Alfano Co. Ltd, iddikjarat li rceviet il-flus tad-depositu, u la darba dan ic-*cheque* ta' Lm7,000 mahrug mis-socjeta` konvenuta kien baqa' fil-pussess tan-Nutar u ma ssarrafx, isegwi li l-hlas relattiv sar min-Nutar stess minn butu, u allura qed jitolbu lis-socjeta` konvenuta thallashom is-somma ta' Lm7,000 *import* tac-*cheque* numru 4987 li baqa' ma ssarrafx u li issa ma jistax jissarraf ghax skada.

L-ewwel Qorti, wara li semghet il-provi, qatghet il-kawza favur l-atturi u ordnat il-hlas ta' din is-somma ta' Lm7,000. Is-socjeta` konvenuta ressqet appell mis-sentenza u qed tghid li ma giex ippruvat li n-Nutar Hayman hallas lis-socjeta` venditrici s-Lm7,000 minn butu, u peress li c-*cheque* depozitat min-Nutar kien skada, huma kienu hargu *cheque* iehor (din id-darba ta' Lm6,450, wara ftehim li jitnaqqsu Lm550 minhabba xi xoghol li kellu jsir fuq il-bejt tal-*garage*) biex tigi saldata l-pendenza.

Ghalkemm dan il-kaz idur ma' apprezzament tal-provi, u din il-Qorti mhux soltu tvarja l-ezercizzju tal-analazi tal-fatti li tkun ghamlet Qorti tal-ewwel grad, f'dan il-kaz, wara li gharblet sewwa l-provi mismugha, tara' li mhux car, u anqas jista' jinghad li hu probabbli, li l-affarijiet sehhew kif jallegaw l-atturi. Wiehed irid ifakkar li l-piz tal-prova huwa mixhut fuq l-atturi, u meta dawn qed jallegaw li huma kredituri tas-socjeta` konvenuta, huma jridu jippruvaw fuq bilanc ta' probabilitajiet il-kreditu reklamat. Skond l-ordni guridiku tar-regoli probatorji, jinkombi lill-atturi b'obbligu u fl-ewwel lok li jippruvaw b'mod adegwat l-allegazzjoni centrali taghhom li s-socjeta` konvenuta hija debitrici taghhom. Kif intqal minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawza **Abela Fitzpatrick v. Web Trading Ltd**, deciza fl-24 ta' Novembru 2003:

"Tajjeb li jigi sottolinejat ukoll illi ghalkemm kif dejjem jigi rilevat, il-konvenut allegat debitur ghandu jipprova l-pagament li hu jallega, <u>f'kaz ta' dubju ragjonevoli jekk l-ammont ghadux dovut jew le dan id-dubju ghandu dejjem imur favur il-konvenut ghax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa' fuq l-attur mill-bidu sal-ahhar tal-kawza</u> ghax hu jallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu." (Sottolinear ta' din il-Qorti)

Issa, f'dan il-kaz, ma ngiebet ebda prova tal-allegat pagament illi sar min-Nutar Hayman lis-socjeta` venditrici Alfano Co. Ltd. Ma giex muri kif u minn fejn in-Nutar suppost hallas Lm7,000 lil dik is-socjeta`: la *cheque*, la *bank statement* u lanqas prova dokumentata jew orali ta' dan il-pagament. L-atturi <u>jippresumu</u> li sar hlas min-Nutar ghax fuq il-kuntratt ta' trasferiment tal-4 ta' Settembru 2000, jinghad li s-socjeta` Alfano Co. Ltd irceviet il-hlas tad-depositu, u c-*cheque* relattiv kien u baqa' f'idejn in-Nutar Hayman. Pero`, Lm7,000 mhix xi somma zghira, u mhux presumibbli, u lanqas ma gie muri, li n-Nutar Hayman kien izomm din il-kwantita` ta' flus *cash* fl-ufficcju tieghu. Gie argumentat li n-Nutar, forsi, hallas din is-somma billi igira favur Alfono Co. Ltd xi *cheque* li kien inghata lilu minn xi klienti ohra; pero`, filwaqt li dan hu possibbli, ma giex ippruvat li hu probabbli. Ma giex muri li n-Nutar Hayman abitwalment kien juza din is-sistema ta'

pagament, u lanqas ma gie muri li mill-assi tan-Nutar tnaqqset din is-somma ta' Lm7,000 li baqghet *'unaccounted for'.*

Hu veru li l-kuntratt tal-4 ta' Settembru 2000 jghid li s-socjeta` Alfano Co. Ltd irceviet is-Lm7,000, pero`, dan gie spjegat li, meta sar il-kuntratt, ic-*cheque* mholli f'idejn in-Nutar ma kienx disponibbli dak il-hin (ghax kien *misplaced*), u s-socjeta` venditrici accettat li tqis id-depositu bhala moghti lilha peress li c-*cheque* kien f'idejn in-nutar. Hu ammess li s-somma ta' Lm11,868.50 dikjarata mhallsa lis-socjeta` venditrici fuq l-att kien ikopri s-Lm7,000 tad-depozitu, pero`, fid-dawl tal-istqarrija tad-dirigenti ta' Alfano Co. Ltd li ma rcevew ebda hlas minghand in-Nutar, hu aktar probabbli li dakinhar li gie ppubblikat il-kuntratt ta' vendita`, is-socjeta` venditrici afdat lin-nutar li dan jghadilha c-*cheque* aktar tard.

Dak li jirrizulta minn kuntratt pubbliku huwa prova tal-kontenut tieghu, pero`, fil-gurisprudenza hija permissibbli prova *contra scriptum* biex jigi muri li hemm zball fil-kuntratt, jew biex juri li dak li jinsab registrat fl-att ma jirrispekkjax ezatt dak li sehh fil-verita`. Gia` fil-kawza **Mercieca v. Pace** deciza minn din il-Qorti fil-15 ta' Dicembru 1947, kien intqal li: "Il-principju *'contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur'* jibqa' jsehh sakemm il-Qorti ma tkunx perswaza illi hemm zball fil-kuntratt, jew li thalla barra xi patt ghal xi raguni specjali: f'dawn il-kazijiet il-principji bazati fuq il-gustizzja u l-ekwita` ghandhom ikunu supremi." (ara wkoll **Vassallo v. Portelli** deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fis-27 ta' Frar 2008).

F'dan il-kaz, is-socjeta` venditrici stqarret li fuq l-att ma ircevietx il-flus tad-depositu u baqghet ma rceviet ebda hlas minghand in-Nutar Hayman sa ma dan miet.

Din l-istqarrija hi korroborata b'dak li gara wara. Is-socjeta` venditrici, kif inghad, baqghet ma rcevietx il-hlas ta' Lm7,000 minghand in-Nutar Hayman, u fil-frattemp ic-*cheque* li kienet harget is-socjeta` konvenuta kien skada u n-Nutar Hayman kien marad, b'marda li sfortunatament

wasslet ghal mewt tieghu. Kemm kien ilu marid, l-ufficcju tan-Nutar Hayman kienet tipprova tiehu hsiebu n-Nutar Dottor Mary Grech Pace, u fil-11 ta' April 2001, il-partijiet fuq il-kuntratt originali ltaqghu ghand in-Nutar u ppubblikaw kuntratt korrettorju. F'dan il-kuntratt korrettorju nghad li c-*cheque* ta' Lm7,000 kien nzamm min-Nutar Hayman, u s-socjeta` konvenuta obbligat ruhha li tohrog *cheque* iehor biex thallas lis-socjeta` venditrici Alfano Co. Ltd; ic-*cheque*, din id-darba, kellu jkun ta' Lm6,450, wara ftehim li mis-Lm7,000 dovuti jonqsu Lm550 versu xoghlijiet fil-bejt tal-*garage*. Is-socjeta` konvenuta harget *cheque* ta' Lm6,450 *post-dated* ghal 20 ta' Dicembru 2001 (numru 6375) li, pero`, ukoll ma giex imsarraf. Fit-2 ta' Ottubru 2002, is-socjeta` konvenuta harget *cheque* iehor ghal-Lm6,450 (numru 7074) li gie msarraf ghas-saldu mis-socjeta` venditrici, tant li din, fit-28 ta' Ottubru 2002, tat il-kunsens taghha ghall-kancellament tal-ipoteka specjali li kienet giet registrata fuq il-*garage* bhala garanzija ghall-hlas tal-bilanc. Ghalhekk jidher li d-depositu ta' Lm7,000 gie eventwalment imhallas (ridott ghal Lm6,450) mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` venditrici Alfano Co. Ltd u ma jirrizultax li din tal-ahhar irceviet hlas darbtejn ta' dik is-somma.

In-Nutar Hayman, jirrizulta, eventwalment sab ic-*cheque* numru 4987 ghall-Lm7,000 li kien thalla f'idejh mal-iffirmar tal-konvenju fil-5 ta' Lulju 2000, u fid-29 ta' Jannar 2001, ipprova jiddeposita dan ic-*cheque* fil-kont tieghu, izda ma setax jissarraf ghax kien lahaq skada. Il-fatt li n-Nutar Hayman kien ipprova jiddepozita c-*cheque* fil-kont tieghu, mhix prova li hu kien hallas depositu lis-socjeta` venditrici minn butu. L-ewwel nett, jekk hallas is-Lm7,000 f'Settembru tal-2000, mhux probabbli li jdum sa Jannar tas-sena ta' wara biex jiddepozita c-*cheque* li nghata lilu; jekk hareg Lm7,000 minn butu, kien zgur jipprova jsib ic-*cheque* malajr biex jigbor lura l-flus li hallas, u hija wkoll stramba kif, wara li c-*cheque* gie *referred to drawer* ghax skada (u jidher li l-bank kien anke informa lin-Nutar b'telefonata li kien se jaghmel *reversal),* in-Nutar Hayman ma ghamel xejn biex jipprova jigbor flusu.

Hu veru li, skond it-termini tal-kuntratt korrettorju, il-bilanc kellu jithallas f'pagamenti li jibqghu sejrin sa Dicembru 2004, u kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, minn dak miftiehem ma sar xejn ghaliex jidher li f'daqqa wahda saret dikjarazzjoni minn Joseph Carmelo Schembri (ghas-socjeta` venditrici) datata 2 ta' Ottubru 2002 li hu kien thallas dak dovut lilu, pero` gie muri li s-socjeta` xerrejja, li ghall-ewwel kienet se thallas il-bilanc bin-nifs, iddecidiet li thallas kollox f'daqqa, u sar dak li sejhulu *business deal* billi tnaqqas il-prezz in vista tal-pagament f'daqqa, tant li, kif intwera, fit-28 ta' Ottubru 2002 gew ikancellati l-ipoteki iskritti kontra s-socjeta` konvenuta.

Din il-Qorti tara li l-verzjoni tac-cirkostanzi tal-kaz kif murija mis-socjeta` konvenuta hija aktar verosimili u probabbli, u ma tarax li saret prova cara bazata fuq il-probabbli li n-Nutar Hayman hallas hu d-depozitu u li kien kreditur tas-socjeta` konvenuta. Kwindi tara li l-appell ghandu jigi milqugh u s-sentenza tal-ewwel Qorti revokata.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mis-socjeta` konvenuta billi tilqa' l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti u tghaddi biex tichad it-talba tal-atturi.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluz dawk in prim istanza jithallsu mill-atturi appellati *in solidum*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------